MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR DR.

## GRAZIELLA BEZZINA

Seduta ta' l-10 ta' April, 2015

Talba Numru. 88/2015

**GO plc**
**C22334**

**vs**

**Adrian Vella**
**ID117686-(M)**

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviz tat-talba li permezz tieghu s-Socjeta' attrici ddikjarat illi l-konvenut ghandu jhallas lis-Socjeta' attrici s-somma ta' elf, tlett mija, wiehed u tletin ewro, wiehed u disghin centezmi (€1,331.91c) liema ammont huwa in konnessjoni mas-servizzi ta' kommunikazzjoni bl-akkont numru A/C40318134, A/C40148490 u A/C50565593 moghtija mis-Socjeta' attrici skont l-annessi dokumenti mmarkati: Dok.'IZY1' u Dok.'IZY2' – prospett u ftehim ghall-akkont bin-numru A/C40318134, u Dok.'IZY3' u Dok.'IZY4' – prospett u ftehim ghall-akkont bin-numru A/C40148490, Dok.'IZY5' u Dok.'IZY6' –

prospett u ftehim ghall-akkont bin-numru A/C50565593, u Dok.‘IZY7’ – estratt mir-Registru Elettorali.

Illi l-konvenut gie interpellat sabiex ihallas izda baqa’ inadempjenti u ghalhekk kellha ssir din il-kawza.

Bl-ispejjez u bl-imghaxijiet legali kontra l-konvenut li huwa ngunt ghas-Subizzjoni.

Ra d-dokumenti li gew npprezentati mal-Avviz tat-Talba, u li gew immarkati minn Dok.‘IZY1’ sa Dok.‘IZY7’.

Ra li mill-atti jirrizulta li ghalkemm il-konvenut gie debitament notifikat bl-Avviz, ma kkontestax il-kawza fit-terminu preskritt mil-ligi u lanqas ma deher ghas-seduti li nzammu quddiem it-Tribunal.

Ra l-Kapitolu li gie pprezentat mis-Socjeta’ attrici u l-fatt li l-konvenut naqas li jidher sabiex jirrispondi ghalih, u ghalhekk ghandu jittiehed bhala mistqarr.

Ghaldaqstant, peress illi t-talba tas-Socjeta’ attrici tirrizulta soddisfacentement ippruvata, t-Tribunal jilqa’ t-talba u jikkundanna lill-istess konvenut ihallas lis-Socjeta’ attrici s-somma ta’ elf, tlett mija, wiehed u tletin ewro, wiehed u disghin centezmi (€1,331.91c), bl-imghax kif mitluba. L-ispejjez jkunu a karigu tal-konvenut.

## < Sentenza Finali >

---------------------------------TMIEM---------------------------------